MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 010/8

IT-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella ; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M Micallef

AĠENDA

010.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

010.2 Ħatra ta' Bord tal-Għażla għal Segretarju Eżekuttiv;

010.3 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**010.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

010.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**010.2.0 Ħatra ta' Bord tal-Għażla**

010.2.1 Is-Sindku Sa Marija Sara Vella spjegat l-iskop għaliex għandu jerġa' jinħatar Bord tal-Għażla ġdid sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ddikjarat li l-membri kollha inkluż is-Segretarju tal-Bord għandhom ikunu persuni ġodda, jiġifieri dawk li kienu diġà fil-bord ma jistgħux jerġgħu jkunu.

Għaldaqstant hi pproponiet li  bħala Chairperson ikun is-Sur Mark Vella Bonnici u bħala membri pproponiet lis-Sa. Davinia Sammut Hili, lis-Sur Mark Anthony Sammut u lis-Sur Hugh Zammit, u Segretarju tal-Bord lis-Sa. Antoinette Azzopardi.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana talbu sabiex ikun hemm membru ieħor mill-Kunsill Lokali u għalhekk is-Sur Sammut ippropona lis-Sur John Mary Calleja minflokk Sa. Sammut Hili.

Is-Sur JM Calleja aċċetta u għalhekk b'mod unanimu l-bord ġie approvat hekk kif inhu ġej:

Mark Vella Bonnici – Chairperson
John Mary Calleja - membru
Mark Anthony Sammut - membru
Hugh Zammit - membru
Antoinette Azzopardi – Segretarju tal-Bord

Għaldaqstant ġie deċiż illi se jerġgħu jsiru l-interviews mill-Bord il-ġdid nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru mis-6pm 'il quddiem fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

**010.3.0 Tmiem tal-laqgħa**

010.3.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.38pm.

Konfermati, illum ________________________

PL Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv